VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50

IT-Tnejn 17 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fl-16:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgħa. Il-Kunsill qal it-talba.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

50.1.1 Jurgen Briffa

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

50.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 50.3 Komunikazzjoni mis-sindku

50.3.1 Is-sindku qal li il-kwistjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa ġrat minħabba li ċertu sidien ta' ristoranti u stabbilimenti ma jġibux rispett lejn dawn l-affarijiet. Semma kif, waqt li kien fil-purċissjoni tad-Duluri mal-Arċisqof kellu jitlaq għax kien hemm xi bars li kellhom l-imwejjed fin-nofs u l-purċissjoni ma setghetx tgħaddi. Fil-Ġimgha l-Kbira s-sindku ma kienx Malta.

50.3.2 Is-sindku għamilha ċara li dak li ġara ma kienx responnsabbilta' tal-kunsill iżda tal-MTA, il-Lands Authority u l-Pulizija. Is-sindku qal li l-enforcement fil-Belt Valletta mhux qiegħed isir kif suppost.

50.3.3 Is-sindku informa li nhar il-Ġimgha 14 ta' April 2023, saret laqgħa mal-entitajiet responsabbli mill-enforcement fil-Belt Valletta fejn attendew rappreżentanti tal-Lands Authtority, tal-Commuinity Police, tal-Pulizija tal-Għassa, u l-LESA. Għal din il-laqgħa kienu ukoll mistednin l-MTA imma dawn ma attendewx.

Chris Micallef ikkummenta li is-sindku kellu jinforma lil kulħadd meta jsiru laqgħat bħal dawn. Is-sindku stiednu biex jattendi l-laqgħa li jmiss.

F'din il-laqgħa ġew diskussi numru ta' affarijiet fosthom dak li ġara fil-Ġimgħa l-Kbira. Is-sindku informa li teżisti lista ta' purċissjonijiet li tinkludi kemm dawk maġġuri (eż. tal-Ġimgħa ll-Kbira) u kif ukoll dawk minuri (eż tas-Santu Kruċ) maqbula mal-parroċċi u approvata mill-Knisja, Lands, u Kunsill. Din tintbaghat ittra lil businesses kollha.

Is-sindku semma kif il-problema kienet bejn 'La Sfoglia' u 'Bottega'. Semma ukoll kif meta jkun hawn purċissjonijiet u attivitajiet simili l-għamara fit-toroq għandha titneħħa kollha.

Semma kif il-kunsill għandu relazzjoni tajba mal-Pulizija.

Is-sindku qal li hu għamilha ċara li ma kienx hemm enforcement fil-Ġimgha Mqaddsa.

50.3.4 Is-sindku informa li l-kunsill qiegħed jipproponi by-law bit-titlu *"Bye-Laws tal-2023 dwar l-Armar ta' Persuni u/jew Entitajiet Kummerċjali waqt Funzjonijiet Uffiċjali u/jew Reliġjużi fit-Toroq tal-Belt Valletta (Kunsill Lokali Valletta Citta Umilissima')"* biex dawn l-affarijiet ma jibqgħux isiru. Il-kunsill flimkien mal-avukati ser jiddiskutu fuq il-multi qabel din tintbagħat lill-Parlament.

Il-punti msemmija f'din il-by-law huma dawn:

- L-ebda persuna jew entita kummerċjali ..
- ma tista' tħalli ebda mwejjed, siġġijiet u/jew għamara oħra f'kull parti tal-lokalita' fejn jikkonċerna parati, purċissjonijiet u/jew attivitajiet oħra li neċessarjment isiru fit-toroq tal-Belt Valletta.
- ma jistgħux jerġgħu jarmaw l-imwejjed, siġġijiet u/jew għamara oħrajn sakemm il-parati, purċissjonijiet u/jew festi reliġjużi jew attivitajiet oħrajn ikunu saru b'mod definittiv.
- ma tista' tarma ebda għamara u/jew struttura b'mod permanenti.

- ma tista’ teżerċita ebda attivita’ ta’ divertiment u/jew mużika amplifikata li ma tkunx skont il-Liġi.
- Id-dispożizzjonijiet ta’ din il-by law japplikaw ukoll għal dawk il-persuni jew entitajiet kummerċjali li għandhom permess u/jew liċenzja sabiex jarmaw l-għamara fit-toroq tal-Belt Valletta fejn jgħaddu l-parati, purċissjonijiet, u/jew festi reliġjuzi jew attivitajiet oħrajn.

- Il-proprjetarji u/jew amministratur ta’ entitajiet kummerċjali ġewwa l-lokalità, għandhom jiżguraw li l-imsemmija għamara inkluż imwejjed, siġġijiet, umbrelel, apparat għall-kesħa u għas-sħana, qsari, apparat awdjofoniku u/jew għamara oħra relatati li s-soltu jirrendu fondi ġewwa t-toroq tal-Belt Valletta speċjalment minn fejn jgħaddu parati, purċissjonijiet, u/jew kwalunkwe festi reliġjużi jitneħħew minn fuq il-post u jiġu maggazzinati ġewwa l-istess proprjetà jew proprjetà alternattiva.

- Il-Kunsill għandu dritt jitlob lill-istess persuni jipprovdu kopja tal-permess u/jew liċenzji mill-Awtorità tal-Artijiet dwar it-tqegħid tal-imwejjed u s-siġġijiet u armar ieħor.

- Kull persuna u/jew entità kummerċjali li tigi affettwata minn dawn ir-regolamenti ma jkollha ebda dritt li titlob xi kumpens u/jew riżarċiment ta’ xi dannu u/jew preġudizzju u jew telf ta’ qliegħ mingħand il-Kunsill u minn kwalunkwe entità governattiva oħra.

Is-sindku fakkar li jrid ikun hemm bilanċ bejn il-kummerċ u r-residenti. Chris Micallef ikkummenta li din il-by-law lanqas biss kellu jkun hemm bżonn li ssir għax li ġara kien minħabba n-nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn l-enforcement u l-istabbilimenti. Il-liġi għandha tiġi msaħħa minn fuq nett.

Chris Micallef fakkar fis-sitwazzjoni tas-1am. Is-sindku qallu li hu ma jridx idaħħal politika fil-kwistjoni. Qal li ċemplulu mill-Ministeru tat-Turiżmu u s-Segretarju tal-Gvern Lokali. Chris Micallef qal li din is-sitwazzjoni setgħet tiġi prevenuta.

Is-sindku semma li kien hemm nuqqas ta’ barriers. Pulizija li kien hemm ikkummentaw li l-barriers ma għadhomx isiru minhabba safety.

Vince Fabri qal li għandu jiġi rrispettat l-ispirtu ta’ dik il-ġurnata u biex inżidu xi tip ta’ turiżmu reliġjuż. Ikkummenta ukoll li tal-Bottega kellu street party u li kien hemm persuna barranija li kkummentat fuq dan.

Mark Spiteri Lucas irrigrazzja lis-sindku li laqa’ t-talba tiegħu f’isem il-minoranza u laqqa’ din il-laqgħa b’urġenza u fakkar li bħala kunsill ma nistgħux nagħmlu enforcement.

Is-sindku fakkar kif meta laħaq sindku, il-kunsill kien talab lil LESA biex ikollna 6 wardens tagħna imma din it-talba ma ġietx aċċettata.

Chris Micalled ssġġerixxa li jridu jsiru anki penali fuq min ma jagħmilx enforcement kif suppost.

Mark Spiteri Lucas iħoss li din kienet iċ-ċirasa fuq il-kejk u li qed ittellef l-istil ta’ ħajja tal-Beltin. Huwa qed jappella li jsiru numru ta’ policies u regolamenti għaċ-ċentru tal-Belt Valletta eż. x’mużika tista tindaqq, li ma jkunx hemm DJs. L-istabbilimenti għandu jkollhom ukoll is-seating / standing capacity fuq barra. Is-sindku qabel ma dan.

Is-sindku fakkar li l-kunsill għandu relazzjoni tajba mal-pulizija pero’ dawn ma jlaħħqux max-xogħol li hemm, speċjalment lmeta jkunu għadhom żgħar.

Xi residenti kkummentaw li hemm id-DJs fil-Belt. Is-sindku infurmahom li DJs fit-toroq mhux legali.

Chris Micallef irid li tinħareġ stqarrija li l-kunsill huwa diżappuntat li mhux qiegħed isir enforcement. Is-sindku qabel ma’ dan.

Il-laqgħa ġiet sospiża biex jgħaddu l-kummenti tagħhom ir-residenti u oħrajn.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

50.4.1 Nil biex jitkellmu ir-residenti

## 50.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

50.5.1 Ni biex jittkellmu ir-residenti

## 50.6 Il-Laqgha tal-Kunsill giet aġġornata sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom ir-residenti u oħrajn li kienu preżenti.

50.6.1 **Dr Paul Borg Olivier**

- Ċerti elementi fil-by-law għandhom jiġu emendati eż tintuża l-frażi 'zona tal-purcissjoni' flok 'toroq' speċjalment minħabba sigurtà.
- Din il-by-law ser toħloq kontroll f'idejn il-ħwienet
- Il-kunsill għandu jġib il-lista tal-permessi tat-tables and chairs mingħand il-Lands. Kopja ta' dan il-permess titwaħħal fejn tidher.
- Din il-by-law għandha tkun beyond il-purċissjoni.
- Informa li r-residenti huma wara l-kunsill fuq dan u kif ukoll fuq tal-mużika. Pero l-kunsill irid jieqaf jgħid li dawn l-affarijiet mhux responsabbilità tiegħu.
- Fakkar li l-Università kienu għaddew complaint fuq il-Capitol u dawn ma għadhomx joħorgu tables and chairs.
- Għadda suġġeriment li l-Lands u l-MTA huma mixtrija minn ċertu nies u għalhekk xogħolhom ma jagħmluhx sew.
- Il-kunsill huwa suppost rappreżentat fil-Valletta Cultural Agency u dan għandu jiġġieled biex il-Belt ma ssirx Paceville.
- Ikkummenta li l-gvern lill-Belt ġabha agħar minn Paceville, San Pawl il-Baħar u Buġibba.
- Staqsa lill-kunsill x'direzzjoni ser jieħu biex ikun hemm bilanċ bejn ir-residenti u l-kummerċ.

Risposta tas-Sindku:

- Hemm liġi dwar is-sandwich boards u dawn iridu jkunu ta' ċertu daqs eċċ.
- Ir-ristoranti għandhom permess għat-tables and chairs u mhux imbarazz ieħor.

Vince Fabri kkummenta li hu jaqbel li tintuża l-kelma 'zoni' flok 'toroq'.

50.6.2 **Dr. Robert Tufigno**

- Jekk il-multa tkun baxxa hemm ċans li l-ħwienet jippreferu jħallsuha milli jagħlqu.
- Ir-regolamenti għanhom jitfgħu responsabbiltà fuq xi persuni.
- Għandu jkun hemm mekkaniżmu fejn jekk xi ħadd jagħmel rapport mal-pulizija dawn imorru mill-ewwel jgħidulu biex ineħħi eċċ.
- Trid tinħoloq kultura ta' rispett.
- Hemm toroq li minnhom ma tistax tgħaddi minħabba l-imbarazz li joħorgu tal-bars u tar-restaurants.
- -ir-residenti jridu jorqdu billejl.

50.6.3 **Miriam Cremona**

- Residenta fil-Belt Valletta minn 1970s.
- Il-Belt saret qisha prostituta bla kultura u bla rispett eċċ. Mass tourism mhux tajjeb għall-Belt Valletta.
- L-imwejjed ta' barra żdiedu minħabba l-pandemija. Hemm numru ta' stabbilimenti żgħar ħafna li joħorgu ħafna mwejjed barra iżda m'għandhomx fejn ipoġġuhom fil-ħanut. Skont Mrs. Cremona, min m'għandux fejn iżomm l-imwejjed għandu jneħħihom.
- Il-by-law ma kinitx teżisti qabel pero ma kienx hawn dawn il-probemi kellha.

Is-sindku qal li l-Lands għandha tibgħat żewġ spetturi filgħodu biex jgħidu lil kulħadd iżarma.

- Mrs Cremona staqsiet jekk hawnx membri tal-kunsill li għandhom xi interessi kummerċjali f'xi ristoranti. Is-sindku weġibha li hu fetaħ ir-restorant tiegħu qabel ma sar sindku u li hu ma jkollux tables and chair barra.
- Hi thossha insultata għat-turisti.

50.6.4 **Fr. Charles**

- Il-kunsill u il-VCA għandhom jaħdmu iktar flimkien.
  Is-sindku infurmah illi bħala kunsill tlabna biex ikollna membru fil-board.
  - Ikkummenta li kieku jista' ma jibqax joqgħod fil-belt għax din tilfet l-identità tagħha ta' belt kapitali ta' wirt dinji.
  - Għandu jkun hemm uniformità ta' kif jintramaw l-imwejjed eċċ
  - Kien hemm nuqqas ta' kuntest ta' Ġimgha Mqaddsa din is-sena.
  - Ikkummenta li l-pulizija ma jgħinux. Semma li kien hemm xi kamra tintuża għad-drogi eċċ. Ray Azzopardi infurmah li din issakkret. Is-sindku u Chris Micallef fakkruh li l-Pulizija huma limitati.

50.6.5 **Dennis Darmanin**

- Staqsa x'differenza hemm bejn tables and chairs normali u kartelli tal-inbid bil-bar chairs. Ikkummenta ukoll fuq il-cushions li hemm fit-taraġ.

50.6.6 **Tanya Aquilina**

- Ikkummentat li kuġintha mill-Mosta qaltiha li hemmhekk l-istabbilmenti kienu kollha magħluqin fil-Ġimgħa l-Kbira.
- Infurmat fuq ċerti stabbilimenti f'Old Bakery Street li joħorgu l-cushions / pultruni fuq il-bankina. Is-sindku qalilha li dawn bla permess u li hu infurmat dwarhom.
-

50.6.7 **Dennis Caruana**

- **///** minn 15 qabel saru celebrazzjonikiet tal-gimgha il-kbira

50.6.8 Turizmu reliġjuż – persuna semmiet illi waqt il-Ġimgħa l-Kbira f'Ibiza jkun hemm kulħadd magħluq avolja ma jkun hemm xejn tal-Ġimgħa l-Kbira hemmhekk.

50.6.9 Xi ħadd ikkummenta li s-Sibt kien hemm ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Ortodossi u kien hemm bar f'nofshon idoqq mużika għolja. Is-sindku qal li dawn għandhom jinfurmaw lill-pulizijia meta jkollhom affarijiet bħal dawn.

50.6.10 Xi ħadd semma kif għandu informazzjoni li l-purċissjoni ta' Corpus illi is-soltu issir fil-Belt Valletta m'għadhiex issir hemm minħabba l-ammont ta' mwejjed u siġġijiet fin-nofs. Is-sindku qal li hu ser ikellem lill-Kurja fuq dan.

50.6.11 Xi ħadd ikkummenta li kien hemm problema ukoll biex tgħaddi l-purċissjoni tal-Karmnu u li kellhom ineħħu l-imwejjed min-nofs.

50.6.12 Id-DJs fil-Belt Valletta ikunu qegħdin għand Salenas, Ellul, Bottega, SouthStreet, u ġieli għand il-KingsWay u Carmen Bar.

50.6.13 **Douglas Mifsud – President tal-Għaqda tal-Pawlini u għandu business żghir fil-Belt**

- Jaqbel mal-By law
- Jixtieq li l-kunsill ikollu iktar power
- Il-kunsill għandu jkun jaf min għandu permess u min le eċċ
- It-tables and chairs għandhom jitneħħew kuljum u jidħlu ġewwa billejl.
- Huwa jixtieq illi issir laqgħa oħra bħal din fejn fiha jiġu diskussi ċerti issues fil-Belt Valletta.
-

50.6.14 Mrs Cremona ikkummentat li l-permes tat-tables and chairs għandu jitwaħħal mal-bieb flimkien mas-seating capacity.

50.6.15 **Il-Gwardjan – Fr. Ramon Farrugia**

- Ħa gost li ssemmew il-policies
- Jemmen li għandhom jiġu rispettati postijiet reliġjużi u ta' kult.

- Ikkummenta illi hawn min ma iridx li ssir l-enforcement fil-belt Valletta
- Hemm bżonn ikun hemm iżjed għaqda bejn il-kunsill u l-entitajiet
- Il-kunsill irid jagħmel il-pressjoni biex isir iktar enforcement
- Semma li l-kunsill għandu standard biex jipparteċipa fil-purċissjoni tad-Duluri / Ġimgħa l-Kbira. Hu jaħseb li kellu jattendi l-kunsill kollu u jekk il-kunsill mhux interessat għandu jgħid. Is-sindku qal li hu ma jridx li l-istandard jitneħħa. Ray Azzopardi fakkar li fi żmien sindku preċedenti kienet issir premura biex il-kunsill kollu jattendi u li hu din is-sena ma attendiex għax haseb li l-kunsill ma kienx mistieden.

Raġel staqsa xi kemm iddum biex issir il-by-law. Semma kif fiż-żmien Ta' Sliema kien hemm strip tal-ħadid u l-viċi sindku ta' dak iż-żmien kien imur hu stess biex ineħħihom.

Vince Fabri semma li hu kien ħadem fuq xi ħaġa ma' Profs Dingli biex ikun hemm standardization ta' tables and chiars u li dawn jinxtraw bir-retainer. B'hekk jemmen li jonqos il-bżonn li jsir l-enforcement.

Raġel ieħor semma li hemm postijiet li għandhom speakers barra. Is-sindku qal li dawn għandhom permess sal-11pm u l-by law tas-sound ma tfissirx li jistgħu jagħmlu li jridu.

50.6.17 **Mara**

- Qalet li l-by law hija bidu tajjeb ħafna
- Din il-by-law għandha tidħol iktar fid-dettall fuq kollox. Anki fuq it-tip ta' mużika li tindaqq fil-Belt Valletta.
- Il-by law m'għandhiex tkun biss għal waqt il-purċissjonijiet eċċ.

50.6.18 Is-sindku semma li l-gwardjan ta' Ta' Ġieżu għamel punt tajjeb hafna biex waqt li jkun hemm quddiesa ma jkunx hemm mużika għaddejja.

50.6.19 **Paul Mangion – resident**

Semma xi proċess bil-qorti għax kienu qegħdin joħorġu l-multi.
Semma każ fejn L-Imħallef Joe Mifsud qal lil tal-Bottega biex iżarma u dan wara ġimgħa kien reġa' armat. Il-pulizija qalulu l-gimgha l-oħra wara li kien hemm xi storbju li huma ma jistgħux jiċċekkjaw

Vince Fabri qal li rridu nifhmu li hawn problema. Is-Sibt ċerti bars anki sas-2am jibqgħu għaddejjin.

50.6.20 Dr. Paul Borg Oliver qal li suppost din il-laqgħa saret biex niddiskutu tal-Ġimgħa l-Kbira pero għandha ssir laqgħa oħra fejn jattendu rappreżentati tal-Lands u L-MTA.

Mangion saqsa meta ħa ssir din il-laqgħa.

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

50.6.1 Nil

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

50.8.1 NIL

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Nil

Is-Sindku ikkonkluda li din kienet laqgħa pożittiva ħafna.

Il-laqgħa tal-kunsill aġġornat għal Hamis 11 ta' Mejju 2023

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |